The participants will depart from Il-Bajja ta' Ħondoq ir-Rummien – Gozo (position A on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt)), they will swim to the east of Comino and finish at Ir-Ramla tal-Bir – Malta (position B on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt))

Individual support vessels will accompany participating swimmers. In addition, there will be several stationary vessels providing support. Support vessels will be displaying a High-Visibility flags. There will also be several individual swimmers who will also be equipped with a red torpedo float.

Il-Fliegu ta' Għawdex will be restricted to navigation from 7.45 a.m. till 9.15 a.m. and Il- Fliegu ta' Kemmuna will be restricted to navigation from 9.00 a.m. till 11.30 a.m.

On the stipulated date and times, mariners are advised to keep a sharp lookout and navigate with extreme caution and at slow speed (no wake) when in the vicinity. They are to cooperate with the organisers.

Jekk il-kundizzjonijiet tat-temp ma jippermettux li l-avveniment isir bejn il-gżejjer ta' Għawdex u Malta, it-tellieqa minflok issir fil-Bajja ta' San Tumas fl-istess data u ħin, tul il-korsa W, X, Y u Z (kif muri fuq chart 2 li tinsab fuq is-sit ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt)).

Pożizzjoni	*Latitudni (N)*	*Longitudni (E)*
W	35° 51'.18	014° 33'.56
X	35° 51'.13	014° 33'.59
Y	35° 51'.18	014° 34'.11
Z	35° 51'.13	014° 34'.13

Il-baħħara kollha għandhom jikkonformaw ma' kull struzzjoni mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16, mill-Valletta VTS u minn kull uffiċjal tal- infurzar fuq il-post.

Charts affettwati: BA 2537 u 2538

It-13 ta' Settembru, 2024

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 117 tal-2024

Iffilmjar f'diversi lokalitajiet madwar Malta - WAO

Id-Direttorat tal-Portijiet u Jottijiet, Transport Malta tavża lill-baħħara, sidien ta' bastimenti u għaddasa kollha, li l-attivitajiet tal-iffilmjar se jsiru f'diversi lokalitajiet madwar Malta.

L-iffilmjar se jsir bejn it-Tlieta, 17 ta' Settembru, 2024 u s-Sibt 12 ta' Ottubru 2024, kif ġej.

17 ta' Settembru	Magazine Wharf	Chart A
20 ta' Settembru	Delimara Power Station	Chart B
24 ta' Settembru	Majjistral ta' Malta	Chart Ċ
25 - 27 ta' Settembru	Ċirkewwa South Quay	Chart D
30 ta' Settembru - 4 ta' Ottubru	Bajja tal-Ġnejna	Chart E
7 ta' Ottubru - 8 ta' Ottubru	Ċirkewwa South Quay	Chart D

Jekk l-iffilmjar ma jistax isir fil-postijiet imsemmija hawn fuq minħabba restrizzjonijiet tat-temp, l-iffilmjar isir fil-Bajja tal-Għadira (Chart F) u f' Il-Ponta ta' Bengħajsa (Chart G).

Il-baħħara, is-sidien tal-bastimenti u l-għaddasa kollha għandhom jiġu avżati li se jkun hemm aċċess limitat fid-dati

Should the weather conditions does not allow the event be held between the islands of Gozo and Malta, the race will instead be held at St Thomas Bay on the same date and time, along the course W, X, Y and Z (as shown on the chart 2 found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt)).

Position	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
W	35° 51'.18	014° 33'.56
X	35° 51'.13	014° 33'.59
Y	35° 51'.18	014° 34'.11
Z	35° 51'.13	014° 34'.13

All mariners are to comply with any instructions given on VHF Channel 12 and/or 16, by Valletta VTS and by any Enforcement Personnel on site.

Charts affected: BA 2537 and 2538

13th September, 2024

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 117 of 2024

Filming in several localities around Malta - WAO

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta notifies all mariners, owners of vessels and divers, that filming activities will take place in several localities around Malta.

The filming will be held between Tuesday, 17th September, 2024 and Saturday, 12th October, 2024, as follows.

17th September	Magazine Wharf	Chart A
20th September	Delimara Power Station	Chart B
24th September	North-West of Malta	Chart C
25th – 27th September	Ċirkewwa South Quay	Chart D
30th September – 4th October	Ġnejna Bay	Chart E
7th October – 8th October	Ċirkewwa South Quay	Chart D

If unexpectedly, filming cannot take place in the above mentioned locations due to weather restrictions, filming will be carried out in, Għadira Bay (Chart F) and at Il- Ponta ta' Bengħajsa (Chart G).

All mariners, owners of vessels and divers are to be notified that there will be limited access on the above-

msemmija hawn fuq fiż-żoni li ġejjin kif muri fiċ-charts li jinsabu fuq is-sit ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Il-baħħara u l-pubbliku ġenerali huma avżati li matul id-dati msemmija hawn fuq, għandha tinżamm distanza sikura u biex jiġi evitat l-ankraġġ fiż-żoni. Il-kooperazzjoni mal-ekwipaġġ tal-iffilmjar fuq il-post hija appreżatta.

Il-baħħara għandhom ibaħħru b'kawtela bil-mod u jagħtu rmiġġ wiesa' meta jkunu fil-viċinanzi, għandhom iżommu 'l bogħod miż-żona msemmija hawn fuq.

Il-baħħara u l-operaturi tal-bastimenti għandhom jikkonformaw mal-istruzzjonijiet u d-direzzjonijiet maħruġa fuq l-istazzjon VHF 12 u/jew 16 mill-Valletta VTS u minn kwalunkwe Uffiċjal tas- siġurta fuq il-post.

Charts affettwati: BA 36, 211, 194, 2537

It-13 ta' Settembru, 2024

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 118 tal-2024

Attività tal-Għawm, għawma madwar Malta – Neil Agius

Id-Direttorat tal-Portijiet u Jottijiet, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li rekord ta' tentattiv ta' għawm madwar il-Gżejjer Maltin, f'kull ġurnata bejn l-Erbgħa, 18 ta' Settembru, 2024 u l-Erbgħa, 9 ta' Ottubru, 2024 – jekk it-temp jippermetti.

Suġġett għat-temp u l-bidla attwali madwar il-gżejjer Maltin, din l-attività tal-għawm tista' ssir jew direzzjoni ta' Clockwise or Anti-Clockwise.

Direzzjoni Clockwise (kif idur l-arloġġ): Kif muri fiċ-Chart 1 fuq is-sit (www.transport.gov.mt).

L-ewwel taqsima tal-għawma ta' 60/70 siegħa se tibda fit-8.00 a.m. mill-Bajja tal-Mellieħa, direzzjoni lejn in-nofsinhar, madwar Malta u Għawdex u żżomm iż-żewġ gżejjer fuq in-naħa tal-lemin (starboard) fit-triq kollha lura lejn il-Bajja tal-Mellieħa.

Il-ħin stmat tal-ewwel qsim tal-Port il-Kbir huwa ta' madwar it-3.00 p.m. (6 sigħat fl-avveniment) u l-ħin stmat tal-ewwel qsim tal-Port ta' Marsaxlokk huwa ta' madwar is-7.00 p.m. (10 sigħat fl-avveniment). L-għawwiem imbagħad ikompli l-għawma tiegħu madwar il-gżira ta' Għawdex u jmur lura lejn barra l-Bajja tal-Mellieħa.

It-tieni taqsima tal-attività se terġa' tibda minn barra l-Bajja tal-Mellieħa għat-2 dawra madwar il-gżira ta' Malta.

mentioned dates in the following areas as shown in the charts found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

Mariners and the general public are advised that during the above-mentioned dates, a safe distance must be kept and to avoid anchoring in the areas. Co-operation with the filming crew on site is a must.

Mariners are to navigate with caution at slow speed and give a wide berth when in the vicinity, they are to keep out of the above-mentioned area.

Mariners and vessel operators are to comply with instructions and directions issued on VHF channel 12 and/or 16 by Valletta VTS and by any Enforcement Personnel on site.

Charts affected: BA 36, 211, 194, 2537

13th September, 2024

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 118 of 2024

Swimming Activity, round Malta swim – Neil Agius

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that a swimming attempt record, the round Malta swim will take place around the Maltese Islands, on any days between Wednesday, 18th September, 2024 and Wednesday, 9th October, 2024 – weather permitted.

Subject to weather and current change around the Maltese Islands, this swimming activity could take place either Clockwise or Anti-Clockwise direction.

Clockwise direction: As shown on the Chart 1 found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

The first section of the 60/70-hour swim will start at 8.00 a.m. from Mellieħa Bay, heading south, around Malta and Gozo keeping both islands on the right (starboard) side all the way back to Mellieħa Bay.

The estimated time of the first crossing of the Grand Harbour is around 3.00 p.m. (6 hours into the event) and the estimated time of the first crossing of Marsaxlokk Port is around 7.00 p.m. (10 hours into the event). The swimmer will then continue his swim around the island of Gozo and make his way back to outside Mellieħa Bay.

The second section of the activity will resume from outside Mellieħa Bay for the 2nd loop around the island of Malta.

Il-ħin stmat tat-tieni qsim tal-Port il-Kbir huwa ta' madwar s-1.00 a.m. (40 siegħa fl-avveniment), u l-ħin stmat tat-tieni qsim tal-Port ta' Marsaxlokk huwa ta' madwar il-5.00 a.m. (44 siegħa fl-avveniment).

L-attività hija skedata li tintemm f'wieħed mill-postijiet li ġejjin;

Għażla tal-post 1 - Golden Bay madwar is-2.00 p.m.

Qsim tal-kanal ta' Kemmuna fit-3.00 p.m.

Għażla tal-post 2 - Il-Bajja tal-Mellieħa madwar id-9.00 p.m.

Għażla tal-post 3 - Il-Belt Valletta (il-Port il-Kbir) madwar l-4.00 a.m.

Direzzjoni Anti-Clockwise (kontra l-Arloġġ): (Kif muri fiċ-Ċart 2 fuq is- sit- www.transport.gov.mt)

L-ewwel taqsima tal-għawma ta' 60/70 siegħa se tibda fit-8.00 a.m. mill-Bajja tal-Mellieħa, direzzjoni lejn it-Tramuntana, madwar il-gżira ta' Għawdex u l-gżira ta' Malta li żżomm iż-żewġ gżejjer fuq in-naħa tax-Xellug (Port) fit-triq kollha lura lejn il-Bajja tal-Mellieħa.

Il-ħin stmat tal-ewwel qsim tal-Port ta' Marsaxlokk huwa ta' madwar il-11.00 a.m. (26 siegħa fl-avveniment) u l-ewwel qsim tal-Port il-Kbir huwa ta' madwar l-4.00 p.m. (32 siegħa fl-avveniment).

It-tieni taqsima tal-attività se tkompli mill-Bajja tal-Mellieħa għat-2 dawra madwar il-gżira ta' Malta (permezz tal-kanal ta' Kemmuna).

Il-ħin stmat tat-tieni qsim tal-Port ta' Marsaxlokk huwa ta' madwar is-1.00 p.m. (52 siegħa fl-avveniment) u l-Port il-Kbir huwa ta' madwar is-6.00 p.m. (57 siegħa fl-avveniment).

L-attività tintemm f'wieħed mill-postijiet li ġejjin;

Għażla tal-post 1 - Il-Belt Valletta (il-Port il-Kbir) madwar is-6.00 p.m.

Għażla tal-post 2 - San Ġiljan madwar is-7.00 p.m.

Għażla tal-post 3 - Il-Bajja tal-Mellieħa madwar is-2.00 a.m.

Diversi bastimenti se jkunu qed jakkumpanjaw lill-għawwiem parteċipanti.

Il-bastimenti l-oħra kollha li ma jiffurmawx parti mill-organizzazzjoni għandhom iżommu distanza minima ta' 200m ta' sikurezza u jinnavigaw b'viġilanza.

The estimated time of the second crossing of the Grand Harbour is around 1.00 a.m. (40 hours into the event), and the estimated time of the second crossing of Marsaxlokk Port is around 5.00 a.m. (44 hours into the event).

The activity is scheduled to end in one of the following location;

Location option 1 - Golden Bay around 2.00 p.m.

Crossing Comino channel at 3.00 p.m.

Location option 2 - Mellieħa Bay around 9.00 p.m.

Location option 3 - Valletta (Grand Harbour) around 4.00 a.m.

Anti-Clockwise direction: (As shown in the Chart 2 found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt))

The first section of the 60/70-hour swim will start at 8.00 a.m. from Mellieħa Bay, heading North, around the island of Gozo and the island of Malta keeping both islands on the Left (Port) side all the way back to Mellieħa Bay.

The estimated time of the first crossing of Marsaxlokk Port is around 11.00 a.m. (26 hours into the event) and the first crossing of the Grand Harbour is around 4.00 p.m. (32 hours into the event).

The second section of the activity will resume from Mellieħa Bay for the 2nd loop around the island of Malta (through the Comino channel).

The estimated time of second crossing the Marsaxlokk Port is around 1.00 p.m. (52 hours into the event) and the Grand Harbour is around 6.00 p.m. (57 hours into the event).

The activity will end in one of the following location;

Location option 1 - Valletta (Grand Harbour) around 6.00 p.m.

Location option 2 - St Julians around 7.00 p.m.

Location option 3 - Mellieħa Bay around 2.00 a.m.

Several vessels will be accompanying the participating swimmer.

All other vessels not forming part of the organisation are to keep a minimum of 200m safety distance and navigate with vigilance.

Il-baħħara huma avżati biex joqogħdu attenti u jinnavigaw b'kawtela kbira u b'veloċità kajmana (mingħajr dewmien) meta l-bastimenti relatati mal-attività jintlemħu, fid-data stipulata u għandhom jikkooperaw mal-organizzaturi.

Il-baħħara kollha għandhom jikkonformaw ma' kull struzzjoni mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16, mill-Valletta VTS u minn kwalunkwe Uffiċjal tal-Infurzar fuq il-post.

Charts affettwati: BA 36, 177, 194, 211, 2537, 2538

It-13 ta' Settembru, 2024

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 21 tal-2024

Korrezzjoni taċ-Ċart – Fish pen f' San Pawl il-Baħar - jitneħħa b' mod permanenti

Qed issir referenza għal BA Chart 211B – Malta, Il-Bajja ta' San Pawl.

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li il-Fish pen f'San Pawl il-Baħar tneħħa b' mod permanenti.

	Latitudni (T)	*Longitudni (L)*
Ħassar: simbolu	35° 57'.710	014° 24'.056

Charts Affettwati: BA Chart 211B

Pożizzjonijiet b'referenza għal: WGS 84 DATUM

It-13 ta' Settembru, 2024

LOCAL ENFORCEMENT SYSTEM AGENCY (LESA)

Sejħa għall-applikazzjoni: Uffiċjal Anzjan (Kontabilità)

Referenza tal-permess tal-Jobsplus Numru: 876/2024

L-applikanti għandhom ikunu:

Ikunu ċittadini ta' Malta; jew

Ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li huma intitolati għal trattament ugwali bħal ċittadini Maltin

Mariners are advised to keep a sharp lookout and navigate with extreme caution and at slow speed (no wake) when activity related vessels are spotted, on the stipulated date and they are to cooperate with the organisers.

All mariners are to comply with any instructions given on VHF Channel 12 and/or 16, by Valletta VTS and by any Enforcement Officers on site.

Charts affected: BA 36, 177, 194, 211, 2537, 2538

13th September, 2024

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 21 of 2024

Chart Correction - Fish pen at St. Paul's Bay - Permanently Discontinued

Reference is made to BA Chart 211B – Malta, Il-Bajja ta' San Pawl.

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies Mariners that the fish pen in Il-Bajja ta' San Pawl has been Permanently Discontinued.

	Latitude (N)	*Longitude (E)*
Delete: symbol	35° 57'.710	014° 24'.056

Chart affected: BA 211B

Positions referred to WGS 84 DATUM

13th September, 2024

LOCAL ENFORCEMENT SYSTEM AGENCY (LESA)

Call for application: Senior Officer (Accounts)

Ref. Jobsplus Permit No: 876/2024

Applicants must:

Be a citizen of Malta; or

Citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in

fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa tal-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati li jittrattaw il-moviment ħieles tal-ħaddiema;

Kwalifikazzjoni fil-Kontabilità bil-kwalifika rikonoxxuta mill-MQRIC fil-Livell 5 tal-MQF jew kwalifika professjonali komparabbli.

Għandha tkun kompetenti fil-pakketti tas-softwer tal-kontabilità.

Esperjenza ta' sentejn (2) fil-Kontabilità.

JEW

Pass fil-kontabilità fil livell 4 tal-MQF jew fil pussess ta' kwalifika rikonoxxuta ta' żamma tal-kotba fil-livell 4 tal MQF.

Pass (ta grad bejn 1-5 jew fil-livell komparabbli) f' sitt (6) suġġetti fil-livell MQF 3 li jridu jinkludu l-Ingliż Malti u il-Matematika.

be proven literate in accounting software packages

Esperjenza ta' ħames (5) snin fil kontabilità

Kwalifiki f'livell ogħla minn dak speċifikat hawn fuq se jiġu konsidrati għall-finijiet ta' eliġibilità, sakemm jissodisfaw xi rekwiżiti speċifiċi tas-suġġett.

Barra minn hekk, il-kandidati li għadhom ma kisbux formalment xi waħda mill-kwalifiki msemmija hawn fuq se jiġu kkunsidrati, sakemm jissottomettu evidenza li jkunu ġew approvati għall-għoti tal-kwalifiki inkwistjoni, kif meħtieġ fil-kriterji ta' eliġibilità msemmija hawn fuq, qabel il-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

L-applikant għandu jkun ta kondotta tajba.

Il-kandidati interessati jridu jibagħtu Curriculum Vitae flimkien mal-kredenzjali mitluba permezz ta' email fuq ((hr.lesa@lesa.gov.mt)) jew ippreżentat bl-idejn fil-bini tal-Amministrazzjoni LESA, uffiċċju tar-Riżorsi Umani, 246 Triq Mater Boni Consilii, il-Fgura, sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 27 ta' Settembru, 2024 fl-4.00 p.m.

L-applikazzjonijiet kollha huma rikonoxxuti u trattati bl-aktar kunfidenza stretta.

It-13 ta' Settembru, 2024

matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers;

Recognized Accounting Qualification certified by the MQRIC at MQF Level 5 or a comparable professional qualification.

Be proven literate in accounting software packages.

Two (2) years' experience in accounting

OR

Pass in Accounting at MQF Level 4 or in possession of a recognised book-keeping qualification at MQF Level 4

A pass (at least at Grade 1-5 or a comparable level) in six (6) subjects at MQF level 3 which must include English, Maltese and Mathematics.

be proven literate in accounting software packages

Five (5) years' experience in accounting.

Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the qualifications in question, as required in the aforementioned eligibility criteria, by the closing time and date of the call for applications.

Applicant must have a good conduct

Interested candidates has to submit a Curriculum Vitae together with the requested credentials through (hr.lesa@lesa.gov.mt). or presented by hand at LESA Administration building, Human Resources office, 246 Mater Boni Consilii street, Fgura, by not later than Friday, 27th September, 2024 at 4.00 p.m.

All applications are acknowledged and treated in the strictest confidence.

13th September, 2024

AĠENZIJA KULTURALI GĦALL-BELT VALLETTA

Sejħa għal Servizzi ta' Koordinatur tal-Akkoljenza u tal-Customer Care

Il-VCA teħtieġ servizzi ta' Koordinatur tal-Akkoljenza u tal-Customer Care, mill-2024, b'medja ta' 40 siegħa ta' servizz fil-ġimgħa.

Il-kandidat magħżul se jidħol f'Kuntratt ta' Servizz għal perjodu ta' 36 (sitta u tletin) xahar. Ir-remunerazzjoni ta' dan is-servizz hija €12.25 (VAT eskluż) fis-siegħa, b'medja ta' 40 siegħa fil-ġimgħa. Il-valur totali tal-kuntratt mhux se jaqbeż is-€76,470 (VAT eskluż) fuq tliet snin. Kwalunkwe taxxa jew spiża oħra għandha titħallas mill-kandidat magħżul.

L-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta

Il-VCA hija entità tal-Gvern li ssostni u ssaħħaħ il-ħajja kulturali vibranti tal-Belt Kapitali permezz tal-ħolqien ta' programm annwali ta' avvenimenti kreattivi żviluppati b'kollaborazzjoni ma' artisti u Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi oħra. Bħala legat tal-Fondazzjoni Valletta 2018, il-VCA tħaddan ukoll standards ta' eċċellenza fil-koordinazzjoni u l-organizzazzjoni ta' avvenimenti kulturali fil-belt, filwaqt li tħeġġeġ l-aċċess u l-parteċipazzjoni minn udjenza diversa.

Servizzi Meħtieġa

Huwa meħtieġ Koordinatur tal-Akkoljenza u tal-Customer Care biex jimmaniġġja b'suċċess il-front desk u l-customer care tal-Aġenzija f'komunikazzjoni mal-persunal, fil-ħin, abbażi tal-baġit disponibbli u skont ir-regoli u r-regolamenti tal-Aġenzija u tal-Gvern.

Il-Koordinatur tal-Akkoljenza u tal-Customer Care se jkun meħtieġ jaħdem mis-07:45 sas-14:00 (bl-ebda pawża) matul il-perjodu tas-sajf, u mis-07:45 sas-17:45 (inkluż pawża ta' 45 minuta) matul il-perjodu tax-xitwa (il-pawżi huma applikabbli). Jistgħu jiżdiedu sigħat addizzjonali skont l-esiġenzi tax-xogħol. Il-ħlas għandu jiġi affettwat skont is-sigħat maħduma.

Kompiti Ewlenin

Jilqa' u jibni relazzjonijiet sostenibbli u fiduċja mal-viżitaturi u l-klijenti;

Jidentifika u jivvaluta l-ħtiġijiet tal-klijenti u jindirizza t-talbiet tal-klijenti b'mod li jgħin biex jinkiseb is-sodisfazzjon tal-klijenti u jinqabżu l-aspettattivi tagħhom;

Jirrispondi, jiskrinja u jibgħat kwalunkwe telefonata u email li jidħlu filwaqt li jipprovdi informazzjoni bażika meta jkun meħtieġ;

VALLETTA CULTURAL AGENCY

Call for Reception and Customer Care Coordinator Services

The services of a Reception and Customer care Coordinator are required at the VCA, starting in 2024, with an average of 40 hours of service per week.

The successful candidate shall enter into a Contract for Service for a period of 36 (thirty-six) months. The service shall be remunerated at €12.25 (excluding VAT) per hour, with an average of 40 hours per week of required service. The total contract value will not exceed €76,470 (excluding VAT) over three years. Any other taxes or charges shall be borne by the successful candidate.

The Valletta Cultural Agency

The VCA is a Government entity that sustains and strengthens the Capital City's vibrant cultural life through the creation of an annual programme of creative events developed in collaboration with artists and other Public Cultural Organisations. A legacy of the Valletta 2018 Foundation, the VCA also upholds standards of excellence in the coordination and organisation of cultural events in the city, while encouraging access and participation by a diverse audience.

Services Required

A Reception and Customer care Coordinator is required to successfully manage the Agency's front desk and customer care in liaison with staff, on time and within the budget and according to the rules and regulations of the Agency and of Government.

The Reception and Customer Care Coordinator will be required to work from 07:45 to 14:00 (no break) during the summer period, and from 07:45 to 17:45 (including a 45-minute break) during the winter period (breaks applicable). Additional hours may be added in accordance to the exigencies of work. Payment shall be affected in accordance to the hours worked.

Main Tasks

Welcome, greet and build sustainable relationships and trust with visitors and customers;

Identify and assess customer needs and address client requests in a manner that helps achieve client satisfaction and exceed their expectations;

Answer, screen and forward any incoming phone calls and emails while providing basic information when needed;

F'kull ħin, jipprovdi informazzjoni preċiża, valida u kompluta billi juża l-metodi/l-għodod it-tajba;

Jieħu ħsieb il-manutenzjoni tal-uffiċċju u l-oġġetti tal-konsum;

Jaġġorna l-kalendarji tal-appuntamenti u jiskeda l-laqgħat/l-ħatriet;

Jirċievi u jissortja posta ta' kuljum, kunsinni u kurrieri;

Iwettaq dmirijiet klerikali bħal iffajljar, fotokopjar, kollazzjoni, posta elettronika, iffaksjar, eċċ.;

Jiżviluppa, jipproċessa u jieħu ħsieb tas-sistema ta' żamma ta' rekords għall-korrispondenza, filwaqt li jżomm rekord tal-azzjonijiet kollha;

Jaħdem bħala membru tat-tim u jiżgura l-koordinazzjoni u l-kontinwità tal-attivitajiet tax-xogħol internament u jrawwem networks affidabbli mal-partijiet ikkonċernati;

Jirrevedi l-proċessi tax-xogħol u jiġbor feedback intern u estern u jagħmel rakkomandazzjonijiet lit-tim u lis-superjuri biex itejbu b'mod innovattiv l-effiċjenza u l-effettività tal-funzjonijiet tal-customer care u l-esperjenza tal-klijent;

Isegwi l-politiki, il-proċeduri u l-linji gwida stabbiliti;

Jiżgura li tkun qed issir l-implimentazzjoni tad-Direttivi li japplikaw għall-istruttura tal-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta;

Joħolq u jżomm rapporti dwar l-interazzjonijiet tal-klijenti u jxerred d-dokumentazzjoni permezz tal-mezzi ta' komunikazzjoni stabbiliti;

Jipprovdi appoġġ amministrattiv lis-superjuri/lill-maniġment kif jista' jkun meħtieġ;

Jikkontribwixxi għal rappurtar regolari inkluż ir-Rapport Annwali u l-Pjan ta' Direzzjoni tan-Negozju;

Kwalunkwe dmir ieħor kif ordnat mis-CEO u l-Kap tad-Dipartiment tal-Operazzjonijiet skont l-esiġenzi tal-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta;

Iżomm relazzjoni ta' ħidma tajba mal-fornituri tas-servizzi u l-impjegati kollha involuti mal-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta;

Iwettaq kwalunkwe kompitu ieħor kif immexxi mill-Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija u/jew ir-rappreżentant tagħha.

At all times, provide accurate, valid and complete information by using the right methods/tools;

Take care of the office upkeep and consumables;

Update appointment calendars and schedule meetings/appointments;

Receive and sort daily mail, deliveries and couriers;

Perform clerical duties such as filing, photocopying, collating, emailing, faxing, etc.;

Develop, process and maintain a record keeping system for correspondence, keeping a record of all actions;

Work as a team member and ensure coordination and continuity of work activities internally and foster reliable networks with stakeholders;

Review work processes and collate internal and external feedback and make recommendations to the team and superiors to innovatively improve the efficiency and effectiveness of the customer care functions and the customer experience;

Follow established policies, procedures and guidelines;

Ensure implementation of Directives that apply for the Valletta Cultural Agency structure;

Create and maintain reports about customer interactions and disseminating documentation through the established communication channels;

Provide administrative support to superiors/management as may be required;

Contribute to regular reporting including Annual Report and Business Plan;

Any other duties as directed by the CEO and Head of Operations Department according to the exigencies of the Valletta Cultural Agency;

Maintaining a good working relationship with all service providers and employees involved with the Valletta Cultural Agency;

Carrying out any other task as directed by the Chief Executive Officer of the Agency and /or her representative.

Il-fornitur tas-servizz magħżul se jaħdem mill-uffiċċju tal-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta taħt is-superviżjoni tal-Kap tal-Operazzjonijiet.

Il-Kwalifiki u l-Esperjenza Meħtieġa

L-applikanti, sad-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjoni, għandhom:

a) ikollhom kwalifiki rikonoxxuti fil-Livell 5 tal-NCFHE f'qasam relatat mal-Maniġment jew mal-Istudji Umanistiċi jew ekwivalenti;

b) L-applikanti interessati għandhom ikunu jistgħu jikkomunikaw bil-Malti u bl-Ingliż;

c) Se jitqies bħala assi għall-applikanti eliġibbli li jkollhom il-ħiliet li ġejjin:

Ħiliet ta' komunikazzjoni eċċellenti;

Ħiliet eċċellenti ta' netwerking;

Ħila li jiżviluppaw kunċetti artistiċi;

Ħiliet proficjenti fil-kompjuter (MS Office u Outlook);

Attenzjoni kbira għad-dettall;

Ħila li jikkomunikaw b'lingwi oħra, minbarra l-Malti u l-Ingliż.

Applikazzjonijiet

L-applikanti interessati huma mitluba jibagħtu ittra ta' motivazzjoni indirizzata lill-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, flimkien ma' kopja tal-kwalifiki akkademiċi u s-CV tagħhom. Dawn id-dokumenti għandhom jintbagħtu bil-posta elettronika fuq: (hr.vca@vca.gov.mt) sa mhux aktar tard mit-Tnejn, 16 ta' Settembru, 2024 f'nofsinhar. Applikazzjonijiet li jaslu tard u/jew mhux kompluti ma jiġux ikkunsidrati.

L-applikanti eliġibbli se jintalbu jattendu għal intervista, li tista' ssir fuq l-internet.

L-għażla finali għandha ssir fuq mertu tekniku. Dan se jkun ibbażat fuq analiżi tad-dokumentazzjoni sottomessa f'konformità mar-rekwiżiti ta' din is-sejħa, u fuq l-eżitu tal-intervista.

It-13 ta' Settembru, 2024

The selected service provider will work from the Valletta Cultural Agency office under the supervision of the Head of Operations.

Qualifications and Experience Required

Applicants must, by the closing date of submission of the application, be:

a) in possession of a recognised qualifications at NCFHE Level 5 in an area related to Management or the Humanities or equivalent;

b) Interested applicants must be able to communicate in Maltese and English;

c) It will be considered an asset for eligible applicants to be in possession of the following skills:

Excellent communications skills;

Excellent networking skills;

Ability to develop artistic concepts;

Proficient computer skills (MS Office and Outlook);

Strong attention to detail;

Ability to communicate in other languages, besides Maltese and English.

Applications

Interested applicants are required to send a motivation letter addressed to the Chief Executive Officer, together with a copy of their academic qualifications and CV. These documents, are to be sent by email on: (hr.vca@vca.gov.mt) by not later than noon of Monday, 16th September, 2024. Late and/or incomplete applications will not be considered.

Eligible applicants will be asked to sit for an interview, which may be conducted over the internet.

The final selection shall be made on technical merit. It will be based on an analysis of the submitted documentation in line with the requirements of this call, and on the outcome of the interview.

13th September, 2024

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ

Pożizzjoni ta' EU Security Coordinator fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Direttur għas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ jilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' EU Security Coordinator fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ.

Tul tal-assignment u kundizzjonijiet

2.1 Persuna magħżula tidħol f'assignment ta' tliet (3) snin bħala EU Security Coordinator fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ, li jistà jiġi mġedded għal perjodi oħra.

2.2 Il-pożizzjoni ta' EU Security Coordinator hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sena (1).

2.3 Peress li din hi pożizzjoni biex tħares l-interessi partikolari ta' sigurtà jew ekonomiċi tal-Istat, il-pożizzjoni ta' EU Security Coordinator tikkostitwixxi raguni oġġettiva li taqa' taħt Regolament 7.4 (c) tal-Liġi Sussidjarja 452.81 intitolat "Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Żmien Fiss".

2.4 Il-kandidati magħżula għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-pożizzjoni li għalih saret l-applikazzjoni. Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, li għandu jiġi sottomess mill-persuna magħżula fi żmien ġimgħa (1) mid-data tan-notifika tal-ħatra.

2.5 Fir-rigward tar-rekwiżiti li joħorġu mid-Direttiva 16, dwar il-'Qafas Governattiv għall-Prevenzjoni u l-Ġestjoni ta' Kunflitti ta' Interess fl-Amministrazzjoni Pubblika', maħruġ mis-Segretarju Permanenti Ewlieni fis-27 ta' Novembru 2023 u li daħal fi-seħħ fl-1 ta' Frar 2024, il-Bord tal-Għażla se jivvaluta l-impjiegi preċedenti tal-kandidati biex jevalwa l-kunflitti ta' interess potenzjali. F'dan ir-rigward, il-kandidati għandhom jipprovdu CV kompletament aġġornat, inkluż il-kwalifiki u l-istorja tal-impjieg mal-applikazzjoni tagħhom. Kwalunkwe kwistjoni ta' kunflitt ta' interess potenzjali nnutata għandha tiġi rrappurtata lis-Segretarju Permanenti rispettiv biex jiġi żgurat li, jekk il-kandidat jiġi reklutat, tali kunflitti ta' interess ikunu mmaniġġjati b'mod xieraq.

MINISTRY FOR FOREIGN AND EUROPEAN AFFAIRS AND TRADE

Position of EU Security Coordinator in the Ministry for Foreign and European Affairs and Trade

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Director for Corpoate Services, Ministry for Foreign and European Affairs and Trade invites applications for the position of EU Security Coordinator in the Ministry for Foreign and European Affairs and Trade.

Duration of assignment and Conditions

2.1 A selected candidate will enter into a three (3) year assignment as an EU Security Coordinator in the Ministry for Foreign and European Affairs and Trade, which may be renewed for further periods.

2.2 The position of EU Security Coordinator is subject to a probationary period of one (1) year.

2.3 Since this is a position to safeguard particular security or economic interests of the State, the position of EU Security Coordinator constitutes an objective reason which falls under Regulation 7.4 (c) of Subsidiary Legislation 452.81 entitled "Contracts of Service for a Fixed Term Regulations".

2.4 Selected candidates must be of conduct which is appropriate to the position applied for. Prior to appointment, selected candidates from outside the Public Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Criminal Records Office or other competent authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications, which should be submitted by the selected candidate within one (1) week from the date of the notification of appointment.

2.5 In terms of the requirements emanating from Directive 16, regarding the "Governing Framework for Preventing and Managing Conflicts of Interest in the Public Administration", issued by the Principal Permanent Secretary on 27th November 2023 and which came into force on 1st February 2024, the Selection Board will assess candidates' previous employments to assess potential conflicts of interest. In this respect, candidates are to provide a completely updated CV, including qualifications and employment history with their application. Any potential conflict of interest matters noted will be reported to the respective Permanent Secretary, to ensure that should the candidate be recruited, such conflicts of interest would be appropriately managed.

a. Barra minn hekk, il-kandidati magħżula għandhom jirrappurtaw kwalunke kunflitt ta' interess magħruf, attwali, potenzjali jew apparenti qabel ma jaċċettaw ħatra, permezz tad-Dikjarazzjoni preskritta disponibbli fl-Appendiċi 1 tad-Direttiva 16 (disponibbli minn (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Directives/Framework%20for%20Preventing%20and%20Managing%20COI%20in%20the%20Public%20Sector.pdf)).

Salarju marbut mal-pożizzjoni

3. Is-salarju marbut mal-pożizzjoni ta' EU Security Coordinator huwa ekwivalenti għal Skala ta' Salarju 10, li fis-sena 2024 huwa €24,085.98 fis-sena li jitla' b'żidiet annwali ta' €407.67 sa massimu ta' €26,532.

Dmirijiet

4. Id-dmirijiet għal din il-pożizzjoni ta' EU Security Coordinator jinkludu li:

i. L-immaniġġjar tal-korrispondenza tal-Politika Esterna u tas-Sigurtà Komuni tal-Unjoni Ewropea inkluż ir-reġistrazzjoni u d-distribuzzjoni lill-uffiċjali u r-rappreżentazzjonijiet rispettivi;

ii. Preparazzjoni ta' stqarrijiet/messaġġi li Malta tixtieq tqassam lil stati membri oħra tal-UE;

iii. Il-validazzjoni tal-leġiżlazzjoni Nazzjonali u li jintbagħtu dettalji tal-leġiżlazzjoni Nazzjonali relattiva għal-leġiżlazzjoni partikolari tal-UE;

iv. Koordinazzjoni mar-Rappreżentanza Permanenti ta' Malta għall-UE fi Brussell fuq l-ipproċessar ta' messaġġi riċevuti u/jew mibgħuta;

v. Tħejjija ta' dokumenti analitiċi u ta' sfond, briefs, rapporti, diskorsi, kif ukoll riċerka, b'appoġġ għall-attivitajiet tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ, inkluż xogħol relatat mal-politika fir-rigward ta' ġrajjiet esterni tal-UE, speċjalment in-Nazzjonijiet Magħquda u l-Aġenziji tagħha, u ġrajjiet oħra trattati fir-relazzjonijiet internazzjonali taħt il-gwida tal-Korrispondent tal-UE;

vi. It-twettiq ta' rappreżentanza f'Malta u barra minn Malta kif meħtieg fit-twettiq tal-għanijiet tal-politika barranija ta' Malta, inkluża l-parteċipazzjoni f'konferenzi u laqgħat relatati ma' kwistjonijiet ta' interess għall-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Magħquda;

vii. Kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu/ha, kif jista' jkun meħtieġ;

viii. Kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

a. Moreover, selected candidates are to report any known actual, potential or apparent conflicts of interest prior to accepting an appointment, through the prescribed Declaration available at Appendix 1 to Directive 16 (available from (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Directives/Framework%20for%20Preventing%20and%20Managing%20COI%20in%20the%20Public%20Sector.pdf)).

Salary pegged to the position

3. The Salary attached to the position of EU Security Coordinator is equivalent to Salary Scale 10, which in the year 2024 is €24,085.98 per annum rising by annual increments of €407.67 up to a maximum of €26,532.

Duties

4. The job duties for the position of EU Security Coordinator include:

i. The handling of CFSP messages including registering and distribution to officers and respective representations;

ii. Uploading any statements/messages that the Maltese side has to distribute to other EU member states and their encryption;

iii. Validation of National legislation and the sending of such details of National legislation relative to the particular EU legislation;

iv. Liaison with the Permanent Representation of Malta to the EU in Brussels on the processing of messages received and/or sent;

v. Preparation of policy papers, analytical and background papers, briefs, reports, speeches, as well as research, in support of the activities of the Ministry for Foreign and European Affairs and Trade, including work related to policy with regard to EU external matters, especially the United Nations and its Agencies, and other matters dealt with in international relations under the guidance of the EU Correspondent;

vi. Undertaking of representational duties in Malta and overseas as directed in the pursuit of Malta's foreign policy objectives, including participation in conferences and meetings related to matters of interest to the UN Security Council;

vii. Undertakes any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

viii. Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqlieq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma persuni msemmija f'(a), (b) jew (ċ), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiż terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mil Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika.'

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan Identità Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (ċ), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u Ingliża;

Eligibility Requirements

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of the other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltes citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007"; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the "Residence Status of United Kingdom National and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the Unite Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Communit Regulations".

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identità should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. able to communicate in the Maltese and English languages;

iii. ikollhom kwalifika ta' Baċellerat rikonoxxuta f'Livell 6 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 180 ECTS/ECVET je ekwivalenti)* fil-European Studies jew Communication Studies jew International Relations jew Euro Mediterranea Studies jew Languages jew Translations jew kwalifika professjonali komparabbli.

*Kwalifika rikonoxxuta komparabbli ma' 60/180 ECTS/ECVET krettu, hekk kif applikabbli, hija aċċettata biss suġġett għ dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-MQRIC li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni.

JEW

iv. Uffiċjali Pubbliċi fi Skala ta' Salarju mhux inqas minn Skala 12, jew ħaddiema tas-Settur Pubbliku li jwettqu d-dmirijie fis-Servizz Pubbliku jew ħaddiema tal-RSSL, it-tnejn f'livell ta' responsabbiltà komparabbli, bi tliet (3) snin esperjenza ta xogħol relevanti għall-pożizzjoni.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita, iżda jistgħu japplikaw għal grad/pożizzjoni inqas anki jekk mhux ikkonfermati u irrispettivament jekk hux fl-istess linja ta' karriera jew le.

5.2 (i) Kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 5.1 (iii) jew kif indikat f'paragrafu 3.1 tad-dispożizzjonijiet ġenerali (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf) xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali kwalifika sal-31 ta' Ottubru, 2024. Jekk l-iskadenza għall-kisba tal-imsemmija kwalifika ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

(ii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għal applikazzjonijiet. L-applikanti prospettivi għandhom jinnotaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom mill-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli, skont id-dispożizzjoniji applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

6.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew

iii. in possession of a recognised Bachelor's qualification at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVE credits, or equivalent)* in European Studies or Communication Studies or International Relations or Euro Mediterranean Studies or Languages or Translations or a comparable professional qualification;

*A recognised qualification comparable to 60/180 ECTS/ECVET credits, as applicable is only accepted subject to a MQRIC formal recognition statement being submitted with the application.

OR

iv. Public Officers in a Scale not below Scale 12, or Public Sector employees performing duties in the Public Service or RSSL employees, both at a comparable level of responsibility, with three (3) years work experience relevant to the position.

Public Officers applying for this post must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position, but may apply for a lower grade/position even if not confirmed and whether in the same stream or not.

5.2 (i) Candidates who have not yet formally obtained or are not yet approved for the qualification specified in paragraph 5.1 (iii) or else as indicated in paragraph 3.1 of the general provisions (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_ENG.pdf) will still be considered provided that they submit evidence that they are in the final phase of their course leading to such qualification. Appointees must obtain, or be approved, for the award of such qualification by the 31st October, 2024. If this stipulated deadline for the attainment of such qualification is not met, the appointment will be, for this reason, automatically terminated.

(ii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than tha requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVET credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date the call for applications. Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of Supporting Documents

6.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials,

dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal fuq (https://recruitment.gov.mt).

6.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

7.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-pożizzjoni. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

